SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 27/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 25/02/'13 27**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 25/02/'13 36**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.30a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Frar 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta’ Tlett Membri
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 26/KA1/13 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| KA21 | Ittra lill-Ing. Mark Perez rigward xogħlijiet tad-drenaġġ fi Triq Spinola. |
| P94 | Ittra mingħand Abela, Bartolo & Galea Advocates rigward pjattaforma fissa fuq il-bankina quddiem l-istabbiliment ‘The Avenue’. |
| P109 | Email mingħand il-Hotel Valentina rigward xi ċaqliq ta’ tabelli ta’ Triq Dobbie u Triq Schreiber. |
| P111 | Email mingħand is-Sur Anthony Curmi rigward il-bankina fi Triq Ross kantuniera ma’ Triq il-Knisja. |
| P116, P126 & KA51 | Korrispondenza b’konnessjoni ma’ Ms. Mary Grace Scicluna. |
| P127 | Email mingħand il-Perit Stephen Farrugia rigward il-*Pedestrian Crossing* fi Triq il-Knisja. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P94

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand Abela, Bartolo & Galea Advocates rigward pjattaforma fissa fuq il-bankina quddiem l-istabbiliment 'The Avenue'. Ġie deċiż unanimament li din il-korrispondenza tiġi rriferuta lill-avukat tal-Kunsill fejn dan jiġi nfurmat li l-Kunsill ma joħroġx dawn it-tip ta' permessi.

Rif. Nru. P109

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand il-Hotel Valentina rigward xi ċaqliq ta' tabelli ta' Triq Dobbie u Triq Schreiber. Ġie deċiż unanimament li l-klijent jiġi nfurmat li dan għandu jsir għas-spejjeż tagħhom filwaqt li jiġu mitluba d-dokumenti neċessarja. Wara li l-Kunsill jirċievi d-dokumenti kollha, tintbagħat ir-rakkomandazzjoni lit-Transport Malta għal dan iċ-ċaqliq, dment li dawn isiru għas-spejjez tal-klijent.

Rif. Nru. P111

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Anthony Curmi rigward il-bankina fi Triq Ross kantuniera ma' Triq il-Knisja. Hawnhekk il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li din il-bankina diġa ġiet irranġata mill-kuntrattur erba' darbiet iżda qed jirrizulta li kull darba qed isirilha l-ħsara.

2.05 Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġi rrakkomandat lit-Transport Malta biex isiru madwar erba' jew ħames bollards. Dan biex jiġi evitat li tibqa' issir ħsara lill-bankina.

Rif. Nru. P116, P126 & KA 51

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sinjura Mary Grace Scicluna. Ġie deċiż unanimament li f'dan l-istadju ma tintbagħtilha l-ebda risposta.

Rif. Nru. P127

2.07 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Perit Stephen Farrugia rigward il-*Pedestrian Crossing* fi Triq il-Knisja, ġie deċiż unanimament li l-Perit jintalab stima sabiex isir is-*survey*.

**3 Aġġornament - Co-option ta' Tlett Membri**

3.01 Il-Membri taw l-informazzjoni li l-Partiti rispettivi tagħhom ġew nnotifikati li hemm il-proċess miftuh għall-co-option għal tlett persuni.

**4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ġie deċiż li jiġi rrakkomandat lit-Transport Malta biex kull fejn hemm *zebra crossing* fit-toroq ta' Paceville li tinstab fil-kantuniera titressaq għal post aktar addattat. Dan minħabba li huma ta' periklu għall-pubbliku u biex jiġi evitat kull diżgrazzja. Fl-istess waqt jiġu rrangatti l-bankini ta' min fejn ikunu tressqu dawn iż-*zebra crossings* u dan għas-spejjeż tat-Transport Malta. Dan minħabba li dawn iz-*zebra crossings* kienu saru meta sar it-tisbiħ ta' Paceville.

4.02 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Sanita biex issir latrina pubblika ġewwa Paceville u ssir laqgħa magħhom mill-aktar fis possibli sabiex jinstab il-post addattat.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Joseph Oliva pproponihom.

5.03 Iċ-Ċerman issekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 216 sa nru. 217 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joseph Oliva pproponihom.

6.03 Iċ-Ċermen issekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Il-laqgħa għax-xahar ta’ Marzu ser issir nhar it-Tnejn 25 ta’ Marzu 2013 fl-10.30 a.m.

6.06 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-12.00 p.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**